**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Vernon William Rich**

Numru: 66/2015

Illum 16 ta' Frar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Vernon William Rich,** ta' tmienja u sebghin (78) sena, iben Ernest u Florence Violent nee' Snook, imwieled Cardiff, Wales fit-22 ta' Mejju 1937, residenti fil-fond 'Ty Cymru', Triq San Girgor, Sqaq numru 1, Kercem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 379502(L), akkuzat talli nhar id-9 ta' Lulju 2015, ghall-habta ta' 13:33hrs gewwa residenza bl-isem 'Ty Cymru', Triq San Girgor, Sqaq numru 1, Kercem, Ghawdex u/jew f'dawn il-gzejjer u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Bhal persuna li kien jaf jew messu kien jaf li persuna anzjana jew adulta dipendenti u li taht cirkustanzi jew kundizzjonijiet li x'aktarx jikkawzaw offiza gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentament gieghel jew ippermetta lil martu Dolores Caruana bhala persuna azjana adulta dipendenti ssofri, jew gab fuq din il-persuna ugiegh fiziku jew tbatija mentali mhux gustifikabbli jew waqt li kienet fil-kura u l-kustodja tieghu, xjentament gieghel jew ippermetta lil din il-persuna jew is-sahha ta' din il-persuna ta' anzjana jew adulta dipendenti ssirilha hsara, jew xjentament gieghel jew ippermetta lil martu Dolores Caruana bhala persuna anzjana jew adulta dipendenti titqieghed f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-sahha taghha tjkun f'periklu u dan bi ksur tal-artikolu 257(A) tal-Kap 9.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 45) datata 8 ta' Frar 2016 li permezz taghha baghat lill-imputat Vernon William Rich biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) Artikoli 18 u 275A (1),(2), (3) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tal-lum tas-16 ta' Frar 2016 (*a fol.* 46), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-8 ta' Frar 2016, u f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ghexet dan il-kaz u kien aktar jixraq li l-imputat ikun nominat ghall-premju Qalb tad-Deheb li jinghata fid-Djocesi ta' Ghawdex flok ikun akkuzat quddiem il-Qorti.

Il-Qorti tinnota li dak li ghamel l-imputat ghamlu sforz l-imhabba li ghandu lejn martu u li ma riedx jinfired minnha.

L-imputat ghamel dak kollu possibli biex jara lil martu hienja u serena.

Filwaqt li l-Awtoritajiet tas-Sahha ghamlu sewwa li hadu l-prekawzjonijiet kollha biex jipprotegu s-sahha u s-sigurta' ta' mart l-imputat.

Il-Qorti hija nfurmata li llum kull thassib li seta' kien hemm gie meghlub anke bil-mizuri li ha l-imputat stess.

Il-Qorti qieghda taccetta l-ammissjoni tal-imputat fic-cirkostanzi kif zviluppaw.

**Decide:**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat Artikolu 275A (1),(2), (3) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Vernon William Rich hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

______________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**